**QORTI CIVILI - PRIM'AWLA**

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum it-Tlieta, 26 ta' Marzu , 2024**

**Kawża Numru: 5**

**Rikors Guramentat Numru:- 800/2020 JVC**

**Alfred Cremona, (I.D. 281259M) f'ismu propju kif ukoll f'isem l-assenti 2) Diana Danielle Cremona (Passaport Ingliz bin-numru 461574944); 3) Mary Benvenuti (I.D. 697230M); 4)**

**Kathleen vom Schloss (I.D. 172854M) 5) Susan Vella Bardon (I.D. 281654M); 6) David A. Cremona (I.D. 618562M) f'ismu propju kif ukoll fl-isem l-assenti 7) Peter A Cremona (I.D. 253554M); u 8) Jennifer Zammit (I.D. 241458M);**

**vs**

**Raymond Agius (I.D. 313061M)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat illi permezz tieghu r-rikorrenti premettew u talbu kif isegwi :

1. 'Illi l-esponenti huma s-sidien tal-ghalqa u r-razzett maghruf bhala "Ta' Ciakija" fid-distrett maghruf bhala "Ta' it-Trol" fil-Limiti ta' Haz-Zebbug (Malta) li ghandha kejl superficjali ta' circa zewg tumoli u 4 mondelli ekwivalenti ghal madwartlett elef metri kwadri (3000$m^2$).

2. Illi din l-ghalqa u razzett kienu mqabbla lil certu Mary Anne Gauci( I.D. 409223M).

3. Illi dan l-ahhar l-esponenti saru jafu li l-istess Mary Anne Gauci mietet fil-21 ta' Dicembru 1994 (Certifikat tal-mewt anness u mmarkat **Dok A**). Minkejja dan il-fatt, l-esponenti qatt ma gew infurmati bil-mewt ta' Mary Anne Gauci u fil-fatt ir-ricevuti baqghu johorgu f'isimha.

4. Illi jidher illi n-neputi tal-istess Mary Anne Gauci, u cioe l-intimat Raymond Agius, qieghed prezenzjalment jokkupa l-ghalqa u r-razzett minghajr titolu validu fil-ligi u dan peress illi ma jikkwalifikax taht il-Kap 199 sabiex jiret il-qbiela.

5. Illi nonostante interpellazzjonijiet mibghuta lill-intimat sabiex jivvaka mill-post, dan baqa' inadempjenti.

6. Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Ghaldaqstant l-esponenti umilment jitolbu li din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1) Tiddikjara li l-intimat Raymond Agius qieghed jokkupa l-ghalqa u r-razzet maghrufa bhala "Ta' Ciakija" fil-limiti ta' Haz-Zebbug (Malta) minghajr ebda titolu validu fil-ligi;
2) Tordna ghalhekk l-izgumbrament tal-intimat fi zmien perentorju fiss mill-Qorti;

3) Tillikwida ammont ta' danni ghall-okkupazzjoni illegali mill-21 ta' Dicembru 1994 u cioe d-data tal-mewt ta' Mary Anne Gauci sal-gurnata li l-intimat jivvaka l-propjeta' in kwistjoni; u
4) Tikkundanna lill-intimat jhallas id-danni hekk illikwidati;

Bl-ispejjez kontra l-intimat li huwa minn issa ingunt in subizzjoni.'

Rat ir-risposta tal-intimat Raymond Agius li taqra kif isegwi:

'Illi t-talbiet tar-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti.

Illi **fl-ewwel lok** issir eccezzjoni preliminari ta' nuqqas ta' gurisdizzjoni tal-Qorti stante li tali talbiet ghandhom jsiru quddiem il-Bord Dwar il-Kontroll tal-Kiri ta' Raba ai termini tal Artiklu 5 tal Kapitolu 199 tal Ligijiet ta'Malta skond ma jipprovdi l;Artikolu 741 (b) Tal Kap 12 tal_Ligijiet ta' Malta. Illi ai termini ta'dak stabbilit fis-sentenza tal-5/11/1992 fl-*ismijiet Guzeppi Borg vs Maria Mizzi et* inghad li "ghall-fini tad-determinazzjoni tal- kompetenza tal-Qorti, ghandu jittiehed kont mhux biss tat-talbiet attrici imma wkoll tal-eccezzjonijiet tal-konvenut"; Illi ukoll l-Appel Inferjuri data 31.7.1996 fl-

ismijiet Anthony Zammit vs Joseph Ellul noe jinghad "Illi f'kazijiet ohra nghad li l-kwestjoni ta' kompetenza ma tkunx determinata biss minn dak li jinghad fl-azzjoni attrici, imma wkoll minn dak li jressaq l-imharrek bhala eccezzjoni." Illi fil-kaz odjern l-intimat jivvanta titolu ta' qbiela stante li baqa jahdem ir-raba, jghix fir-razzett ghal oltre 26 sena mentri r-rikorrenti qed jipprospettaw zgumbrament minhabba nuqqas ta' titolu addirittura a bazi tal-Kapitolu 199 tal-Ligijiet ta'Malta li hija ligi specifika u kwindi ma ghandhux jkun hemm dubju li din hija materja ta' gurisidizzjoni specjali quddiem il-Bord idonju li jisma tali materja dwar raba u qbiela'.

Illi fit-**tieni lok** ir-rikorrenti jehtiegu jipprovaw t-titolu minnhom vvantat u dana skond id-dispost tal-Kap 199 tal-Ligijiet ta' Malta u kull titolu legali iehor rikjest sabiex jipprovaw l-interess guridiku rikjest. Inoltre r-rikorrent Alfred Cremona jehtieg jipprova li huwa ghandhu r-rappresentanza guridika u dokumentata sabiex jirrapresenta r-rikorrenti l-ohra.

Illi **fit-tielet lok** l-intimat jsostni illi huwa jikkwalifika sa minn dejjem bhala kerrej ai termini tal-Kapitolu 199 tal-Ligijiet ta Malta peress li d-definizzjoni ta' "kerrej" tinkludi kull membru tal-familja li jkun ccesjonarju tal-kirja u, wara l-mewt tal-kerrej, meta ma jkun hemm ebda membru bhal dak, tinkludi f'ordni ta' preferenza kull membru tal-familja li jkun legatarju tal-kirja

jew li, matul l-ahhar sena minnufih qabel il-mewt tal-kerrej, kien jghix mal-kerrej jew kien qed jahdem ir-raba' mieghu jew ghalih jew ikun il-werriet tal-kerrej;

Illi l-ghalqa u r-razzett maghrufa bhala "Ta Ciakija", fid-distrett maghruf bhala "Ta it – Trol"fil-limiti ta' Haz-Zebbug (Malta) tal-kejl ta' cirka zewg tumoli u 4 mondelli ekwivalenti ghal tlett elef metri kwadri (3000m) kienu imqabbla lil Mary Anne Gauci (id 409223 M.

Illi kif premess mir-rikorrenti l-istess Mary Anne Gauci mietet fil-21 ta' Dicembru 1994 u ghalhekk ben 26 sena ilu.

Illi l-esponenti intimat kien informa lill-missier il-prokuratur Alfred Cremona bil-mewt tal-imsemmija Mary Anne Gauci tramite zijuh Anthony Gauci u kif ukoll min Filippa Agius li hija n-neputija taghha . L-istess Filippa Agius kienet tmur thallsu Ta' Xbiex u peress li Raymond Agius kien jghix maz-zija u kien jahdem l-istess raba baqa jahdem u jghix fir-razzett. Filippa Agius kienet tghidlu kull sena sabiex johrog l-ircevuta fuq Raymond Agius ghaliex huwa kien baqa jghix u jahdem fir-razzett.

Illi kemm il-darba matul is-26 sena baqa jhallas il-qbiela b'mod regolarment u kien jitlob l-qbiela tinqaleb fuqhu pero Alfred

Cremona kien baqa dejjem jghid li jrid jkellem il-kugini tieghu qabel jaccetta l-qbiela fuq Raymond Agius u kien ghalhekk li l-qbiela baqghet tithallas regolarment sas-sena 2019 u mhux ghaliex kif ingustament premess mir-rikorrenti.

Illi qed jigi presentat Dokument RA 1 u RA2 li huma l-kotba tal-ircevuti tal-qbiela li jikkonfermaw il-firem ta' A J Cremona u warajh ta' Alfred Cremona. Wara li kienu jmorru jhallsu Ta Xbiex meta miet missieru beda jigi ghal qbiela Alfred Cremona u kien jigi d-dar ta' Filippa Agius gewwa nru tnejn (2), Triq l-Innu Malti, Zebbug (Malta). L-istess Filippa Agius tikkonferma li dejjem kienet tghidlu sabiex jdawwar il-kera u dan kien dejjem jaf li kienet mietet Mary Ann Gauci ghaliex li kieku Filippa Agius a kienx ikollha ghaliex tghidlu jdawwar il-kirja .

Illi huwa certament inverosimili illi matul perkors ta' sitta u ghoxrin (26) sena r-rikorrenti jiddikjaraw li ma kienux informati bil-mewt ta' Mary Anne Gauci u kwindi meta kienu jaccettaw il-qbiela kienu qed jirrikonoxxu titolu li ppermetta lil Raymond Agius jkompli jghix u jahdem fl-istess raba.

Illi l-premessi tar-rikorrenti huma nieqsa min gusta kawza u anzi sahansitra l-premessi huma nieqsa mill-buona fede rikjesta stante li huma dejem kienu jafu li mietet Mary Ann Agius.

Salv eccezzjonijiet u sottomissjonijiet ulterjuri waqt is-smigh tal-kawza.'

Rat illi fil-verbal datat 20 ta' April, 2023 ir-rikors gie differit ghat-28 ta' Marzu 2024 ghad-decizjoni bil-fakulta' tal-partijiet li jipprezentaw noti ta' sottomissjonijiet b'termini mposti fuqhom;

Rat illi permezz tal-avviz datat 10 ta' Awwissu 2023 ir-rikors gie rikjamat ghal-lum 26 ta' Marzu 2024 ghad-decizjoni;

Rat is-sottomissjonijiet fl-atti;

Rat l-atti kollha.

**Ikkunsidrat:**

Illi permezz tal-kawza odjerna r-rikorrenti jsostnu li huma s-sidien tal-ghalqa u r-razzett maghrufa bl-isem 'Ta Ciakija',Ta' Troll, limiti ta' Haz Zebbug, Malta maghruf ukoll bhala 'l-Barumbara'. Izidu li ghalkemm originarjament dawn kienu mikrija lil certa Mary Anne Gauci din giet nieqsa fil-21 ta' Dicembru, 1994 izda huma qatt ma gew infurmati b'dan il-fatt. Izidu li Mary Anne Gauci kienet xebba u li n-neputi taghha l-intimat Raymond Agius qed jokkupa din il-proprjeta' minghajr ebda titolu validu fil-ligi w'ghaldaqstant jitolbu l-izgumbrament

tieghu mill-istess. Jitolbu wkoll il-likwidazzjoni ta' danni ghall-okkupazzjoni illegali mill-21 ta' Dicembru 1994 sad-data li l-proprjeta' tigi vakata u l-kundanna ghall-hlas tal-istess fuq l-intimat.

L-intimat Raymond Agius jeccepixxi n-nuqqas ta' gurisidizzjoni ta'din il-Qorti stante li jsostni li huwa jgawdi minn titolu ta' kera fit-termini tal-Kap. 199, Att Dwar il-Kontroll tal-Kiri ta' Raba' w'ghaldaqstant isostni li din il-kawza kellha ssir quddiem il-Bord Dwar il-Kontroll tal-Kiri ta' Raba' u li in vista tat-titolu vantat jeccepixxi li jikkwalifika fit-termini tal-Kap. 199 sabiex jibqa' jgedded il-kirja bhala membru tal-familja u kerrej. Jeccepixxi wkoll li r-rikorrenti kienu jafu li Mary Anne Gauci giet nieqsa u li huwa talab diversi drabi lir-rikorrenti sabiex jaqilbu l-ircevuti fuq l-intimat.

**Provi:**

Il-Qorti rat ic-certifikat tal-mewt ta' Maria sive Marianna Gauci li juri d-data tal-mewt taghha bhala l-21 ta' Dicembru, 1994 a fol. 5 tal-process.

Rat il-kopja tal-ktieb tal-kera a fol. 14 et seq tal-process li jkopri mis-sena 1989 sas-sena 2013 u rat li dan dejjem sejjah lil Mary Anna Gauci.

Rat il-kopja tat-tieni ktieb tal-kera a fol. 28 et seq tal-process li jkopri mit-12 ta' Ottubru, 2014 sa sal-15 ta' Novembru, 2018 liema rcevuti wkoll baqghu dejjem johrogu f'isem Maryann Gauci.

Rat a fol. 32 et seq il-kontijiet tad-dawl mahruga f'isem Raymond Agius bl-indirizz tas-servizz jindika Barumbara, Triq it-Troll, Zebbug.

Rat il-kopja tal-karta tal-identita' tal-intimat a fol. 36 li tindika l-indirizz tar-razzett in kontestazzjoni bhala l-indirizz tal-intimat.

Rat **l-affidavit ta' Alfred Cremona** a fol. 41 et seq tal-process. Fl-ewwel parti tal-affidavit tieghu jaghti spjegazzjoni kif l-art u l-proprjeta' bl-indirizz Barumbara, Triq it-Troll, Zebbug iddevolviet fuq ir-rikorrenti u jipprezenta ghal dan il-ghan kuntratt ta' divizjoni fl-atti tan-Nutar Tonio Spiteri tad-29 ta' Marzu, 1998 (fol. 45) u li permezz tieghu il-proprjeta' ddevolviet fuq Anthony, John u Maria Benvenuti lkoll ahwa Cremona. Jispjega wkoll kif John Cremona gie nieqes fis-sena 1988 u l-parti tieghu intirtet minn ulied Susan Vella Bardon, Robert u Alfred lkoll ahwa Cremona. Robert Cremona gie nieqes fis-sena 2013 u l-parti tieghu ghaddiet ghand l-armla tieghu Diana Danielle Cremona. Anthony Cremona gie nieqes fit-28 ta' Awissu 2008 u l-parti tieghu intirtet minn uliedu Kathleen, Peter, Jennifer u David lkoll ahwa

Cremona. B'hekk jirrizulta kif effettivament ir-rikorrenti huma lkoll bejniethom sidien tal-art in kwistjoni.

Illi dwar l-amministrazzjoni ta' din il-proprjeta' r-rikorrent jixhed illi originarjament l-art kienet mikrija lil Mary Anne Gauci bil-karta tal-identita' numru 409223 M versu l-kera ta' Lm2.50. Sas-sena 1999 il-kera kien jigborha zijuh Anthony Cremona (u mhux missieru kif jghid l-intimat) ghan-nom ta' hutu kollha u l-eredi. Wara s-sena 1999 l-amministrazzjoni ghaddiet f'idejn ir-rikorrent xhud u meta zijuh tah il-handover huwa qallu li l-inkwilina ta' din l-art kienet Mary Anne Gauci. Fil-fatt l-ircevuti sa dakinhar kienu jsejhu lil Mary Anne Gauci u huwa kompla johrog l-ircevuti f'isimha. Dwar l-ammont ta' kera jsostni li baqa' jigbor l-istess somma ta' €5.38 minghand Philippa Agius li kienet tigi n-neputija ta' Mary Anne Gauci. Izid ukoll li l-ahhar li gabar il-kera kien fil-15 ta' Novembru 2018 koprenti sal-14 t'Awwissu, 2019. Meta f'Settembru 2019 Philippa Agius cempitlu biex jigbor il-kera jghid li hu ma kienx disponibbli.

Ir-rikorrent ikompli jixhed li tul is-snin kollha li huwa kien imur ghand Philippa Agius ghal ftit minuti sabiex jigbor il-kera qatt ma gie nfurmat li Mary Anne Gauci kienet giet nieqsa. Jikkonferma li Philippa Agius gieli talbitu jeqleb il-kera fuq huha Raymond Agius izda qatt ma qaltlu li r-raguni kienet ghaliex Mary Ann Gauci kienet mietet. Hu dejjem qalilha li ried jikkunsidra t-talba

ma' hutu izda qatt ma accettaw. Zied li huma qatt ma accettaw ghaliex f'kazijiet ohra fejn kellhom art mikrija lil zewg xebbiet effettivament huma haduhom lura meta dawn gew neqsin. Izid illi kieku kienu gew infurmati li Mary Ann Gauci kienet giet nieqsa kienu jitolbu c-cwievet lura wkoll ta' din il-proprjeta'. Jghid ukoll li anki meta hu u Raymond Agius kienu marru jaraw ir-razzett hadd minn Philippa u Raymond Agius ma semmielhom li Mary Ann Gauci kienet giet nieqsa.

Dwar kif sar jaf li Mary Anne Gauci kienet mietet jghid li f'April, tas-sena 2020 kien innota parti mill-hajt tas-sejjieh tal-proprjeta' mwaqqa. Hu flimkien ma' David Cremona marru ghand l-Avukat sabiex jaraw kif setghu jikkuntattjaw lil Mary Anne Gauci sabiex jigi rrangat il-hajt. Kien x'hin kienu ghand l-Avukat li dan tal-ahhar rrimarka li ahjar jiccekkjaw kinitx ghadha hajja minhabba s-sena tat-twelid taghha u hemmhekk indunaw li kienet mejta. Stante li skont l-Avukat taghhom la darba Mary Anne Gauci kienet xebba u ma kellhiex tfal allura l-proprjeta' kellha terga' tirritorna ghand is-sidien huma pprocedew sabiex jibaghtu ittra lil Philppa Agius u Raymond Agius (fol. 59) sabiex jirritornaw il-pussess tal-proprjeta'. Il-Qorti rat il-korrispondenza li segwiet bejn l-Avukati tal-partijiet a fol. 60 et seq tal-process. Wara l-ittri jixhed li Raymond Agius beda jiddeposita l-kera l-Qorti permezz ta' cedoli ta' depositu.

A fol. 77 et seq Alfred Cremona jixhed in kontro-ezami. Jghid li hu nkariga ruhu mill-amministrazzjoni wara s-sena 1999 u li Anthony Cremona gie nieqes fis-sena 2008. Dwar x'informazzjoni tah Anthony Cremona fuq din il-proprjeta' jghid li qallu kemm trid tingabar qbiela u ghand min irid imur biex jigborha. Kien imur personalment u kien jiltaqa' man-neputija ta' Maryanne Gauci, Filippa Agius. Mistoqsi jekk hux minnu li Filippa Agius qaltlu diversi drabi biex idawwar il-qbiela fuq Raymond Agius jirrispondi:

'Niftakar kien hemm okkazzionijiet fejn kienet staqsietni biex indawwarha imma ma kien hemm l-ebda raguni ghalfejn indawwar meta diga' kont naf illi qieghda ghand Marianne Gauci. Ma kellix ghalfejn nirrikonoxxi lil haddiehor.'

Forsi talbitu biex idawwarha xi tlett darbiet mhux diversi drabi. Jichad li hadd qatt qallu li Mary Anne Gauci kienet mietet. Jichad li setghet qalet lil zijuh qablu u dan ma qallux ghaliex kieku zgur kien jghidlu. Kien minghalihom li Mary Anne Gauci kienet ghadha hajja. Jghid li Filippa Agius kienet qaltlu biex idawwar il-krija lejn l-ahhar hames snin jew sitta mhux qabel, ghal ghoxrin sena ma kienet qaltlu xejn. Jichad li qatt qaltlu li Mary Anne Gauci kienet mietet. Qatt ma tatu raguni ghalfejn riedet li l-kirja ddur fuq l-intimat. Jikkonferma li qatt ma talab li jara lill-inkwilina ghaliex kellhom hafna u feh.em li Filippa kienet

inkarigata minnha  la darba kellha l-ktieb tal-kera.  Jikkonferma li ma hemm hadd nieqes  mis-sidien fl-okkju tar-rikors guramentat ndikati bhala rikorrenti.

Rat ix-xhieda ta' **David Cremona** a fol. 65 A et seq tal-process. Huwa jghid li l-art hija in parti proprjeta' tieghu derivante minghand missieru Anthony Gerald Cremona.  Jixhed li qabel kien missieru li kien jamministra din l-art mbaghad ghaddiet f'idejn ir-rikorrent Alfred Cremona biex  jigbor  il-qbiela.  Fuq il-post mar tlett darbiet l-ewwel darba fis-sena 2008 ma ltaqa ma'hadd u kien mar mas-surveyor.  It-tieni data fis-sena 2009 kien mar ma'Alfred Cremona u fuq il-post kien hemm iz-zewg neputijiet ta' Mary Anne Gauci, Raymond u ohtu Philippa.  Skont dan ix-xhud l-inkwilina kienet Mary Anne Gauci.  Dakinhar dahlu gewwa u ghamlu xi nofs siegha jduru. Mary Anne Gauci ma kinitx hemm.  It-tielet darba jghid li kien mar xi sena qabel ix-xhieda tieghu u raw il-hajt tas-sejjieh imwaqqa u riedu jikkuntattjaw lil Mary Anne Gauci biex isiru x-xoghlijiet.   Meta flimkien ma' Alfred Cremona ltaqaw  mal-Avukat jghid li kkonfermaw li Mary Anne Gauci kienet mietet.

Rat l-affidavit tal-intimat **Raymond Agius** a fol. 73 et seq tal-process.  Jghid li huwa guvni u li jigi n-neputi ta' Mary Anne Gauci li kellha l-qbiela tal-ghalqa u r-razzett in kwistjoni. Jikkonferma li Mary Anne Guaci mietet b'attakk tal-qalb ta' malajr

fis-sena 1994. Hu kien minn dejjem jahdem fir-razzett u jrabbi l-annimali fih u kellhom l-ghodda tal-eghlieqi u kien jahdimhom ma' zitu. Jghid li trabba maghha u jaf li kienet dejjem thallas il-qbiela. Wara l-mewt ta' Mary Anne Gauci baqa' hu jahdem ir-razzett u jghix hemmhekk. Peress li mhux wiehed tal-iskola kienet tmur ohtu Filippa Agius bil-qbiela Ta' Xbiex. Skont hu kull sena kienet tghidlu li qalet lil Alfred Cremona biex jeqleb il-qbiela fuqu u li dan kien jghidilha li jrid ikellem lill-kugini. Dan baqa' ghaddej ghal sitta u ghoxrin sena. Jghid li anki meta s-Sinjur beda jmur ghand Filippa fid-dar taghha, ohtu qaltlu li kienet tghidlu biex idawwar il-kera u li dejjem kienet tghidlu li Mary Ann Gauci kienet mietet. Ikompli jixhed kif isegwi:

'Illi jiena nhoss li mhux qed jghidu mis-sewwa meta qed jipprovaw ighidu li ma konniex ghidnilhom li mietet iz-zija u li ridt il-qbiela ddur fuqi ghaliex jiena bqajt nhallasha u bqajt u ghadni nahdem hawnhekk sal-lum u matul dawn is-snin kollha qatt ma qaluli li ma ridux il-qbiela li kont nhallas jiena.

Dan nemmen li qed jghamluh bi hsieb hazin u sabiex jkecccuni mir-razett fejn nghix . Jiena dan hajti ghaliex ilni nahdem fih u sahansitra nghix hawnhekk ghal dawn is-snin kollha u kull darba li setghu kienu ghaddejjin min hawn dejjem rawni hawnhekk.

Illi kif ikkonferma Alfred Cremona ohti kienet thallas il-qbiela liz-ziju tieghu. Jekk meta tah il-karti ma kienx qallu li kienet mietet iz-zija tieghi din difficli li titwemmen meta ohti kull darba li kienet tmur thallsu dejjem baqghet tghidlu sabiex jikteb l-ircevuta fuqi.

Illi l-verita hija li Cremona marru ghand l-avukat taghhom sabiex jaraw kif jiehduli l-art lura u mhux ghaliex ma kienux jafu li mietet iz-zija .

Nikkonferma li meta gieli gie jiehu l-qbiela minghandi u minghand ohti dejjem ilqajnih u qatt ma taghna x'nifhmu li ma kienx jaf li z-zija kienet ilha mejta. Zgur li ma kellhomx jaghddu 24 sena sabiex jinduna li kienet mietet u din hija biss skuza cara sabiex jsib kif jiehu lura r-raba minghandi.' (fol. 74)

Rat li Raymond Agius xehed in kontro-ezami a fol. 136 et seq tal-process. Jghid li kien ikun fir-raba' u r-razzett anki zghir u meta kien ikun hemm xi moghza ser tixtri kien jorqod hemm. Jaqbel izda li zitu Mary Anne Gauci kienet irregistrata li kienet toqghod fl-indirizz 105, Triq Dun Karm Psaila, Zebbug u mhux fil-fond in kontestazzjoni. Jghid izda li hu trabba fil-Barumbara. Dwar ilma fil-fond jghid li jgib bil-bowser. Jghid li huwa hafna drabi ma kienx ikun hemm meta r-rikorrent kien imur ghall-hlas ghand ohtu fl-indirizz 2, Triq l-Innu Malti, Zebbug u forsti rah darbtejn. Jghid li anki hu kien jghidlu biex jeqleb il-qbiela u skont hu kien

jghidlu 'U ijja, u ijja' . . . 'Qisu taghkom, qisu taghkom'. Jinsisti li Alfred Cremona kien jaf li zitu kienet mejta u jghid li kemm-il darba talbu biex tinqeleb fuqu.

Rat l-affidavit ta' **Ryan Agius** a fol. 75 tal-process imwieled fis-sena 1985. Jghid li jigi n-neputi tal-intimat u li jafu minn dejjem jghix maz-zija tieghu gewwa l-proprjeta' in kwistjoni maghrufa bhala l-Barumbara. Ir-raba' ta' madwarha hija wkoll mahduma mill-intimat. Jghid li meta mietet iz-zija Mary Anne Gauci, kienet tkun zitu Filippa Agius li tiehu hsieb li thallas il-qbiela lil Alfred Gauci u li lilu kienet tghidlu li diversi drabi talbitu jaqleb il-qbiela fuq l-intimat u li Alfred Cremona kien jghidilha li jrid ikellem lill-proprjetarji l-ohra. Izid li minn dejjem jaf lil zijuh jghix u jrabbi l-annimali f'din il-proprjeta' u jahsad diversi prodotti. Kien ukoll ghenu jirranga l-hitan tas-sejjieh u bir wara maltempata fis-sena 1995. Jghid li hu jafu jghix, jahdem, jiekol u jorqod hemm. Gieli wkoll raqad missieru mal-intimat sabiex jghinu bl-annimali.

Ryan Agius xehed in kontro-ezami a fol. 100 et seq tal-process u b'kontradizzjoni ghal dak li xehed fl-affidavit jichad li kien b'xi mod konness mal-hlas tal-qbiela u jichad li qal li zitu kienet tghidlu li talbet li tinqeleb il-qbiela. Jghid li hu qatt ma kienx prezenti meta thallset il-qbiela.

Rat l-affidavit ta' **Joseph Borg** a fol. 76 et seq tal-process li jghid li fis-sena 1995 Raymond Agius kien qabbdu jaghmel xi tiswijiet fil-proprjeta' in kwistjoni fosthom il-hajt tal-genb tal-Barumbara. Kien ghamel ukoll xi xoghol fis-sena 1998. Kien ukoll bena partijiet mill-hitan tas-sejjieh.

Rat l-affidavit ta' **Filippa Agius** a fol. 85 et seq tal-process. Tghid li tigi n-neputija ta' Mary Anne Gauci li kellha l-qbiela in kwistjoni u tikkonferma li Mary Anne Gauci giet nieqsa fil-21 ta' Dicembru, 1994 cioe' madwar 25 sena ilu. Tiftakar li fil-post in kwistjoni Mary Anne Gauci kienet trabbi l-annimali u tiftakar lil huha l-intimat jghinha. Tghid li kienet tghix fil-vicinanzi ghalhekk tiftakarha sew. Tkompli tghid li wara li mietet Mary Anne Gauci kien baqa' jmur bil-qbiela Ta' Xbiex ghand Anthony Cremona hu Mary Anne Gauci certu Ninu Gauci. Hi gieli marret mieghu izda l-bicca l-kbira kien imur Ninu Gauci wahdu. Tghid li kemm-il darba quddiemha rat lil Ninu Gauci jghid lil Anthony Cremona li Mary Anne Gauci kienet mietet u jitolbu sabiex idawwar il-qbiela fuq Raymond Agius. Tixhed li Anthony Cremona kien jghidilha mhux qisha taghkom u sabiex ihalluha ghal issa. Izzid li huha l-intimat kien ihalli f'idejha sabiex thallas il-qbiela u mbaghad kien hemm zmien meta Alfred Cremona beda jmur ghandha fid-dar taghha gewwa Zebbug ghall-hlas. Kienet icempillu u jcempilla lura. Tghid li kienet thallsu l-qbiela u tistaqsih meta kien ser jeqleb il-qbiela fuq Raymond Agius izda kien dejjem jghidilha li

jrid ikellem lill-kugini. Dan dam sejjer snin. Skont hi zgur kien jaf li Mary Anne Gauci mejta. Tikkonferma li fuq il-kotba tal-kera prezentati fl-atti hemm il-firem ta' AJ Cremona u ta' Alfred Cremona. Izzid li hija dejjem dahhlithom fir-razzett meta talbuha u li l-intimat minn dejjem baqa' jghix u jahdem ir-raba' tar-razzett u jiehu hsieb u jrabbi l-annimali.

Filippa Agius xehdet in kontro-ezami a fol. 95 et seq tal-process. Taqbel li r-rikorrent Alfred Cremona kien imur fid-dar taghha meta kienet iccempillu. Ghand Anthony Cremona kienet tmur Ta' Xbiex. Taqbel li huma kienu ilhom jitolbu li l-qbiela tinqeleb fuq Raymond Gauci anki meta Mary Anne Gauci kienet ghadha hajja. Mistoqsija jekk kinitx issir din ir-rikjesta anki tul hajjet Mary Anne Gauci ghaliex kienu jafu li xebba u l-kirja tintilef, l-ewwel tghid li ghalhekk kienet issir it-talba waqt hajjitha mbaghad tghid li ma tafx. Tinsisti li lil Alfred Cremona kienet qaltlu bil-mewt ta' Mary Anne Gauci li mietet ghall-gharrieda, harget mid-dar u ma dahlitx lura. Mistoqsija ghalfejn allura l-ircevuta kienet tohrog fuq persuna mejta tibqa' tinsisti li hi qalet lil Alfred Cremona li kienet mietet.

Rat l-affidavit ta' **Anthony Gauci** a fol. 92 tal-process. Jghid li huwa jigi hu Mary Anne Gauci u jikkonferma li l-qbiela kienet f'idejha. Izid li l-intimat Raymond Agius kien sa minn tfulitu dejjem maghha fir-razzett u ghaliha kien wens stante li kienet

xebba.  Izid  li l-intimat kien iffissat fuq it-trobbija tal-bhejjem. Jghid li wara l-mewt taghha kienu hu u Filippa li kienu jiehdu hsieb imorru Ta' Xbiex sabiex ihallsu l-qbiela.  Izid li hu kien infurmahom lir-rikorrenti li ohtu giet nieqsa altrimenti ma kien hemm l-ebda raguni ghalfejn talbu diversi drabi sabiex il-qbiela tinqeleb fuq Raymond Agius.  Jghid li kull darba li kien jghidlu Alfred Cremona kien jghidlu sabiex ihallih ghax kien gia qisu taghhom u li issa jaraw.  Meta Alfred Cremona beda jmur fid-dar ta' Filippa sabiex jigbor il-hlas u regghu qalulu biex tinqeleb il-qbiela jghid li dan qalilhom li ried jghid lill-kugini tieghu u talabhom sabiex ihallu kollox kif kien.  Ghalhekk skont dan ix-xhud zgur li kien jaf li  Mary Anne Gauci giet nieqsa.  Jghid li l-intimat dejjem ghex u hadem ir-raba' ta' Mary Anne Gauci u li dan ir-rikorrenti kienu jafuh.

Anthony Gauci xehed in kontro-ezami a fol. 149 et seq tal-process. Jaqbel li ohtu Mary Anne Gauci ma kinitx tghix fir-razzett in kwistjoni izda kienet tghix 105, Triq Dun Karm Zebbug.  Jghid izda li kienet tahdem ir-razzett.  Kien jahdem maghha hu u Raymond Agius sa minn meta kien tifel.  Jaqbel ukoll li Raymond Agius ma kienx jghix hemm izda kien jghix fi Triq l-Innu Malti, Zebbug ma' Filippa.  Izid li issa ilu naqra li mar jghix fir-razzett. Jikkonferma li kien imur hu jhallas il-qbiela Ta' Xbiex.  Jghid li darba kien qallu li  mietet izda mbaghad beda jmur ghall-flus id-dar ta' Filippa u hu ma kienx ikun  hemm.  Huwa qatt ma ltaqa'

mas-sinjur il-gdid. Mistoqsi jafx jekk Mary Anne Gauci u Raymond Agius kienux jorqdu fir-razzett jghid li hu ma tantx kien jinzel hafna. Jghid li ghalkemm qallu li kienet mietet is-Sinjur ma riedx idawwar il-qbiela. Il-kera ghalhekk kienet tohrog fuq il-mejta u dam zmien jaghmel hekk. Jixhed li ghamel hmistax-il sena wara l-mewt ta' Mary Anne Gauci jmur ihallas hu mbaghad ghaddha l-ktieb lin-neputijiet. Jghid li hu ma qallux li ma jistax jaghmel ircevuti fuq il-mejtin.

Rat l-affidavit ta' **Mary Gauci** a fol. 93 tal-process liema affidavit tista' tghid huwa identiku bhal dak ta' qablu cioe' ta' hu x-xhud Anthony Gauci. Rat ukoll li din ix-xhud xehdet in kontro ezami fis-seduta tas-7 ta' Frar, 2023. Tghid li meta kien zghir l-intimat ma kienx jorqod hemm imma dejjem maz-zija u meta kiber beda jorqod hemm. Mistoqsija jekk iz-zija kinitx tghix x'imkien iehor tghid li Mary Anne Gauci kienet torqod mal-bhejjem. Tghid li l-indirizz 105, Triq Dun Karm, Zebbug kienet id-dar ta' omm Mary Anne Gauci. Tixhed li hi qatt ma marret thallas il-qbiela u li kienet Filippa li qaltilha li skontha qalu lis-sinjur li Mary Anne Gauci kienet mietet.

Rat ix-xhieda ta' **Joseph Rivans** a fol. 102 tal-process in rapprezentanza ta' Identity Malta li jixhed illi skont ir-rekords tal-istess entita' li jezebixxi dokument a fol. 94 tal-process dan juri li l-

intimat ilu registrat fuq il-fond in kwistjoni bhala r-residenza tieghu mit-23 ta' April, 2015.

Rat id-dokumentazzjoni esebita mix-xhud **Rueben Bonnici** rapprezentant tal-ARMS Ltd a fol. 107 et seq tal-process kif ukoll ix-xhieda tieghu a fol. 125 et seq tal-process. Jghid li fil-fond hemm installat biss meter tad-dawl u ilu hekk installat mid-29 ta' Dicembru, 2005. Jghid li fuq il-kont hemm registrat Raymond Agius u ilu jiehu s-sussidju fuqu mis-16 ta' Gunju, 2011 ghalhekk beda registrat bhala residenti fil-fond kontestat minn dik il-gurnata. Jghid izda li jrid jiccekkja x'gara bejn is-sena 2005 u s-sena 2010. Rat ix-xhieda ulterjuri u d-dokumentazzjoni ulterjuri esebita minn dan ix-xhud a fol. 143 et seq tal-process minn fejn jirrizulta li qabel is-sena 2011 il-kont, ghalkemm registrat fuq Raymond Agius, ma kienx indikat bhala 'residential'. Ukoll jixhed li sas-sena 2011 l-indirizz fejn kien jintbaghat il-kont lill-intimat kien indikat bhala 2, Triq l-Innu Malti, Haz Zebbug.

Rat ix-xhieda ta' **Savio Borg** in rapprezentanza tal-Kummissjoni Elettorali a fol. 133 et seq tal-process u d-dokumentazzjoni esebita minnu a fol. 117 et seq tal-process. Jixhed li jirrizulta li l-intimat beda jigi registrat fuq l-indirizz tal-fond kontestat minn April tas-sena 2004 l-quddiem. Precedentement kien registrat bhala residenti fl-indirizz 2, Triq l-Innu Malti, Zebbug.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

**Nuqqas ta' gurisdizzjoni u titolu ta' qbiela:**

Illi l-intimat jeccepixxi li din il-Qorti m'ghandhiex gurisdizzjoni sabiex tisma' il-kaz odjern stante li jallega li ghandu titolu validu ta' qbiela favur tieghu derivanti mit-titolu ta' zitu u skont hu ghandu d-dritt li jibqa' jiggedded favur tieghu bhala 'membru tal-familja' u konsegwentement 'kerrej'.

Illi huwa ndubitat, anki fl-isfond ta' bosta gurisprudenza, li l-gursidizzjoni fuq id-decizjoni dwar jekk l-intimat ghandux titolu validu ta' qbiela favur tieghu jew le hija tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili u mhux tal-Bord Dwar il-Kontroll tal-Kiri tar-Raba'. Ghalhekk din il-Qorti ghandha l-gurisdizzjoni li tgharbel jekk it-titolu vantat mill-intimat hux validu jew le. F'kaz li jirrizulta li huwa validu allura verament din il-Qorti jkollha tibghat l-atti quddiem il-Bord, jekk izda jirrizulta li ma jezisti l-ebda titolu favur l-intimat allura l-kawza tibqa' ta' kompetenza ta' din il-Qorti. Il-Qorti ghalhekk ser tidhol f'analizi tal-provi dwar l-allegat titolu ta' qbiela favur l-intimat Raymond Agius.

Illi bejn il-partijiet ma hemmx kontestazzjoni li kienet tezisti qbiela valida fuq il-fond u l-ghalqa in kwistjoni favur iz-zija tal-intimat Mary Anne Gauci. Jirrizulta mill-atti li Mary Anne Gauci giet

nieqsa nhar il-21 ta' Dicembru, 1994. Ir-rikorrenti jsostnu izda li qatt ma gew infurmati li giet nieqsa filwaqt li l-intimat u l-familjari tieghu jghidu li kienu qalulhom u talbuhom jeqlibu l-ircevuti izda r-rikorrenti qatt ma accettaw.

Illi l-ewwel eccezzjoni tal-intimat bilfors ikollha tigi wkoll allaccata mat-tielet eccezzjoni tal-intimat li ssostni li hu jikwalifika bhala 'membru tal-familja' fit-termini tal-Kap. 199 tal-Ligijiet ta' Malta w'allura skont hu wiret il-qbiela minghand Mary Anne Gauci stante li jigi n-neputi taghha u li ghalhekk skont hu llum huwa l-'kerrej' rikonoxxut skont il-ligi tal-art u r-razzett in kwistjoni.

Illi mill-provi fl-atti jirrizulta li Mary Anne Gauci kienet xebba' minghajr tfal ghalhekk din il-Qorti trid tistharreg l-applikazzjoni tal-Kap. 199 in linea ma' dan il-fattur.

Illi l-Kap. 199 tal-Ligijiet ta' Malta fl-artikolu 2 tieghu dwar id-definizzjoni ta' 'kerrej' jaqra kif isegwi:

'"kerrej" tinkludi kull membru tal-familja li jkun ċessjonarju tal-kirja u, wara l-mewt tal-kerrej, meta ma jkun hemm ebda membru bħal dak, tinkludi f'ordni ta' preferenza kull membru tal-familja li jkun legatarju tal-kirja jew li, matul l-aħħar sena minnufih qabel il-mewt tal-kerrej, kien jgħix mal-kerrej jew kien qed jaħdem ir-raba'

miegħu jew għalih jew ikun il-werriet tal-kerrej; tinkludi wkoll, relattivament għal sullokatur, sub-konduttur, liema kelma għandha titqies f'dik ir-relazzjoni bħala li jkollha l-istess tifsir bħal kerrej fl-estensjoni sħiħa tiegħu;'

L-istess artikolu jghaddi sabiex jiddefinixxi l-kliem 'membru tal-familja' kif isegwi:

'"membru tal-familja" tfisser axxendent lineari, dixxendent lineari, armla jew armel, raġel tat-tifla, u l-armla tat-tifel sakemm ma terġax tiżżewweġ, tal-kerrej;'

Illi ghalhekk sabiex tirnexxi l-eccezzjoni tal-intimat li huwa jikwalifika bhala 'kerrej' fit-termini tal-Kap. 199 tal-Ligijiet ta' Malta huwa fl-ewwel lok irid jissodisfa l-kriterji mposti fil-ligi kif suesposti b'dana li irid jikwalifika bhala 'membru tal-familja' kif definit.

Illi mill-provi fl-atti jirrizulta li l-intimat Raymond Agius jigi n-neputi ta' Mary Anne Gauci li allura kienet tigi z-Zija tieghu. Il-Qorti pruvat tara mill-affidavits u xhieda tal-intimati jekk kienx missier l-intimat jew ommu li jigi hu jew oht Mary Anne Gauci izda ma sabitx din l-informazzjoni fl-atti. Id-differenza fil-kunjom tista' taghti hjiel. Li huwa zgur izda li l-intimat ma jikwalifikax bhala axxendent lineari u lanqas bhal dixxendent lineari tal-mejta

Mary Anne Gauci. In oltre certament mhux l-armel jew ir-ragel tat-tifla ta' Mary Anne Gauci ghaliex appuntu ma kellhiex tfal. Ghalhekk johrog car li legalment fit-termini tal-Kap. 199 tal-Ligijiet ta' Malta l-intimat Raymond Agius ma jikwalifikax bhala 'membru tal-familja' w'ghalhekk m'ghandux il-jedd li jidhol fiz-zarbun tal-kerrej ta' qablu fil-qbiela in kwistjoni. Jirrizulta konsegwentement li allura l-intimat ma jaqax ukoll taht id-definizzjoni ta' 'kerrej' moghtija mill-istess Kap. 199.

Illi in vista tal-konkluzjoni suesposta, johrog car f'ghajnejn din il-Qorti li kien inutli li fl-atti l-intimat jipprova jressaq prova li hu kien jirrisjedi jew jorqod ma' Mary Anne Gauci tul is-snin, stante li din is-sitwazzjoni tista' tagevola biss lil dik il-persuna li tikwalifika bhala 'membru tal-familja' u 'kerrej' fit-termini tal-Kap. 199 tal-Ligijiet ta' Malta, fejn f'dan il-kaz dan ma rrizultax.

Ghaldaqstant la darba jirrizulta li l-intimat ma jikwalifikax bhala 'kerrej' taht il-Kap. 199 tal-Ligijiet ta' Malta, jfisser li allura l-intimat ma ghandux titolu ta' qbiela validu favur tieghu bil-konsegwenza li din il-Qorti hija kompetenti sabiex tisma' l-kawza odjerna. Il-Qorti ghalhekk ser tghaddi sabiex tichad l-ewwel eccezzjoni tal-intimat.

Illi dwar it-tielet eccezzjoni, jirrizulta, in vista tal-konkluzjonijiet suesposti, li din ukoll ma tregix stante li l-intimat ma jikwalifikax

bhala ‘kerrej’ fit-termini tal-Kap. 199 tal-Ligijiet ta’ Malta. Il-Qorti minghajr pregudizzju izda ghall-konkluzjonijiet suesposti, zzid li hija ma temminx il-versjoni tal-intimat u x-xhieda mressqa minnu li huwa kien jghix sa minn dejjem fir-razzett in kwistjoni. Verament jista’ jkun li l-intimat kien jahdem ma’ zitu f’dan ir-razzett sa minn meta kien zghir izda l-provi dokumentarji esebiti fl-atti u x-xhieda ta’ entitajiet bhal ARMS Ltd, ir-registru elettorali u Identita’ Malta lkoll urew lil din il-Qorti li kien biss mis-sena 2004 il-quddiem li l-intimat beda jipprova b’xi mod jikkrea tracci dokumentarji li huwa jirrisjedi fir-razzett in kwistjoni. Tant hu hekk li l-kontijiet tad-dawl l-intimat kien jircevihom f’indirizz differenti. Qabel din id-data ma tezisti l-ebda prova kunsidrat ukoll li Mary Anne Gauci giet nieqsa sahansitra ghaxar snin qabel fis-sena 1994. In oltre hareg ukoll ppruvat mill-kontro-ezamijiet li Mary Anne Gauci ma kinitx tirrisjedi fir-razzett in kwistjoni izda kienet tghix gewwa Zebbug u tmur ir-razzet ghax-xoghol u xejn aktar. Ghalhekk certament l-intimat ma jistax jikwalifika bhala persuna li kienet tghix mal-kerrej fir-razzett in kwistjoni la darba qas il-kerrejja ma kienet toqghod hemm.

Illi in oltre l-Qorti ftit li xejn tista’ temmen il-versjoni tal-intimat li hu u l-familjari tieghu kienu nfurmaw lir-rikorrenti li Mary Anne Gauci kienet giet nieqsa, altrimenti, din il-Qorti tinsab certa li l-kawza odjerna kienet tinfetah ferm aktar qabel mir-rikorrenti u mhux jippermettu li l-intimat bl-iskuza ta’ zitu jibqa’ jaghmel uzu

mill-proprjeta' taghhom. Il-Qorti tirrileva wkoll li bosta xhieda li tressqu mill-intimat xehdu fuq detto del detto u wkoll ikkontradicew lilhom infushom in kontro-ezami.

Illi kif inghad, dawn il-konsiderazzjonijiet qed isiru sabiex din il-Qorti tispjega r-ragunijiet taghha ghalfejn mhiex qed temmen il-versjoni moghtija mill-intimat ghaliex fi kwalunkwe kaz, ab inizio, l-intimat ma jikwalifikax bhala 'kerrej' w'allura jirrizulta ampju fl-atti odjerni li huwa ma jgawdi minn ebda titolu validu fil-ligi favur tieghu b'dana li ser tghaddi sabiex tichad ukoll it-tielet u l-ahhar eccezzjoni tal-intimat u tilqa' per conseguenza l-ewwel u t-tieni talba tar-rikorrenti.

**Titolu tar-rikorrenti:**

Illi minn analizi tal-provi fl-atti rrizulta li l-intimat, ghalkemm qajjem it-tieni eccezzjoni dwar it-titolu, huwa bl-ebda mod ma kkontesta t-titolu tar-rikorrenti fuq l-art in kwistjoni permezz ta' provi li jikkontradixxu x-xhieda u dokumentazzjoni mressqa mir-rikorrenti anzi johrog mill-atti li kemm hu kif ukoll il-familjari tieghu, kif ukoll Mary Anne Gauci qablu, dejjem irrikonoxxew ir-rapprezentant tar-rikorrenti bhala s-Sinjur tal-art in kwistjoni. Jirrizulta ghalhekk li l-fatt li l-proprjeta' hija tar-rikorrenti gie sufficjentement ippruvat fl-atti. Irrizulta wkoll li l-istess intimat u familjari tieghu ghal snin twal irrkonoxxew lil Alfred Cremona u

lil Anthony Cremona qablu bhala r-rapprezentant tas-sidien tal-art tant li kienu jcemplu lilu biex tithallas il-qbiela, ghalhekk ma tqisx li jirrizulta xi dubju dwar il-mandat tar-rikorrenti l-ohra favur ir-rikorrent sabiex jagixxi wkoll f'isimhom fl-atti odjerni. In vista ta' dan, il-Qorti ser tghaddi sabiex tichad it-tieni eccezzjoni tal-intimat fl-interita' taghha.

**Likwidazzjoni ta' Danni ghall-okkupazzjoni illegali:**

Illi permezz tat-tielet u r-raba' talba taghhom ir-rikorrenti jitolbu li din il-Qorti tilliwkida ammont ta' danni ghall-okkupazzjoni illegali tal-intimat mid-data tal-21 ta' Dicembru 1994 (id-data tal-mewt ta' Mary Anne Gauci), sal-gurnata li l-proprjeta' tigi vakata u sabiex tordna lill-intimat ihallas tali danni.

Rat li l-intimat ma ressaq l-ebda eccezzjoni dwar dawn it-talbiet. Rat izda li r-rikorrenti fl-atti kollha ma ressqu l-ebda prova relattiva ghal dawn iz-zewg talbiet. L-uniku accenn ghal dawn iz-zewg talbiet jinsab fin-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti fejn jinghad kif isegwi:

'Din in-nota hija limitata ghall-ewwel tliet talbiet tal-esponenti in kwantu z-zewg talbiet l-ohra jigu kkunsidrati biss u jekk jigi stabbilit li l-intimat ilu jokkupa l-art u r-razzett minghajr titolu b'effett mill-21 ta' Dicembru, 1994.'

Illi din il-Qorti regghet daret il-verbali kollha tal-kaz odjern u mkien ma sabet li l-gbir tal-provi gie f'xi mument limitat biss ghall-ewwel zewg talbiet tar-rikorrenti u mhux fuq il-mertu u l-eccezzjonijiet kollha. Rat li fil-fatt ir-rikorrenti ddikjaraw il-provi taghhom maghluqa fil-verbal tal-1 ta' Gunju, 2021 minghajr ebda riserva. Rat ukoll il-verbal tal-20 ta' April, 2023 fejn din il-Qorti ddifferiet il-kawza ghad-decizjoni f'liema verbal il-partijiet ma ghamlu ebda riserva dwar provi ulterjuri jew limitazzjoni tad-decizjoni ghal xi talbiet partikolari. Minn dan kollu johrog li l-partijiet inghataw cans ampju sabiex iressqu l-provi dwar it-talbiet kollha kif ukoll dwar l-eccezzjonijiet kollha nkluz it-talbiet ghal-likwidazzjoni u l-hlas tad-danni.

Illi kif inghad fl-atti ma tressqet l-ebda tracca ta' prova dwar danni ghaldaqstant il-Qorti tqis li t-tielet u r-raba' talba tar-rikorrenti ma gewx ippruvati u ser tghaddi sabiex tichad l-istess.

**Decizjoni**

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet kollha suesposti il-Qorti tghaddi sabiex taqta' u tiddeciedi l-kawza odjerna kif isegwi:

1. Tichad l-eccezzjonijiet kollha mqajjma mill-intimat;

2. Tilqa' l-ewwel talba tar-rikorrenti u tiddikjara li l-intimat Raymond Agius qieghed jokkupa l-ghalqa u r-razzett maghruf bhala 'Ta Ciakija' u wkoll bhala 'l-Barumbara' fil-limiti ta' Haz-Zebbug (Malta) minghajr ebda titolu validu fil-ligi;

3. Tilqa' t-tieni talba tar-rikorrenti u tordna l-izgumbrament tal-intimat mill-proprjeta' msemmija fi zmien tlett xhur mil-lum;

4. Tichad it-tielet u r-raba' talba stante li mhux sufficjentement ippruvati.

Bl-ispejjez kollha kontra l-intimat salv l-ispejjez tat-tielet u r-raba' talba li ghandhom jigu sopportati mir-rikorrenti.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**26 ta' Marzu, 2024**

**Cora Catania**
**Deputat Registratur**
**26 ta' Marzu 2024**